# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 11 ta' Frar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 221 /22 JPG**

**Kawza nru.: 25**

**NA**
**Vs**
**JG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' NA datat 14 ta' Ottubru 2022, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, nhar X, twieldet il-bint KG li llum ghandha X snin;*

2. *Illi l-partijiet kienu resqu fuq kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Maria Roberta Galea Mamo, nhar l-4 ta' Dicembru 2018 f'liema huma kienu rregolaw dak kollu li jolqot lill-binthom, inkluz il-kura u l-kustodja, access u manteniment tal-bint minuri KG (Dok A);*

3. *Illi l-minuri giet diagnosed li tbati bl-awtizmu u ghalhekk mhux biss ghandha bzonn certu rutina, izda ghandha wkoll certa diffikultajiet liema jehtiegu li jigu indirizzati, tant li hija anke attendiet ghall-programm tal-Inspire;*

4. *Illi f'dan kollu l-konvenut, sfortunatament spiss jaghzel li ma jikkollaborax u dan mhux biss billi ma jiffirmax meta tkun mehtiega xi firma minghandu, izda billi regolarment jaqla' incidenti spjacevoli, inkluz fil-prezenza tal-bint KG;*

5. *Illi fil-fatt ir-relazzjoni tal-kontendenti llum ddegenerat b'tali mod illi prattikament kull meta l-konvenut icempel lill-esponenti, jinfex jinsulentaha, jheddidha u anke jawguralha mard bhal kancer, u dan oltre l-kliem dispreggjattiv li huwa jtenni fir-rigward tal-mejtin taghha. Hafna minn dawn it-telefonati gew rekordjati u fil-fatt saru anke rapporti kriminali mal-pulizija fuq uzu ta' komunikazzjoni hazina u dan oltre, fastidju kontinwat u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Jinghad ukoll li l-Qorti tal-Magistrati anke rabtet lill-konvenut b'obbligazzjoni wara li huwa hedded lill-esponenti li kien ser jiehu lit-tifla fuq il-qabar taghha, b'implikazzjoni li kien ser itemmilha hajjietha (Dok B);*

6. *Illi oltre dan l-agir bullesk, kien hemm kwistjonijiet ohra bejn il-kontendenti, inkluz it-tardivita` fil-hlas tal-manteniment u n-nuqqas ta' hlas ta' sehmu mill-ispejjez tal-bint minuri, u dan nonostante l-kuntratt li l-partijiet iffirmaw bejniethom;*

7. *Illi fid-dawl ta' dan, b'digriet moghti fl-atti tal-medjazzjoni nhar id-9 ta' Novembru 2020, din l-Onorabbli Qorti awmentat il-manteniment dovut mill-konvenut ghal €350 fix-xahar, liema somma tkopri sehmu mill-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri u anke ordnat li l-manteniment jinqata' mis-salarju tieghu biex jigu evitati iktar incidenti (Dok C);*

8. *Illi recentement, il-konvenut anke telaq mill-impjieg tieghu u konsegwentement, huwa rega' mhux jivversa ebda manteniment versu bintu, tant li l-esponenti kellha terga' tibda tintavola r-rapporti kriminali;*

9. *Illi iktar minn hekk jinghad, illi hemm diversi kundizzjonijiet ohra fil-kuntratt li gie ffirmat mill-partijiet, li l-konvenut ghadu m'onorax, u bizzejjed jinghad li sal-lum huwa ghadu ma rrifondix lura s-somma ta' €750 li huwa kien zbanka mill-kont tal-bint KG, kif obbliga ruhu li jaghmel u llum fadal bilanc ta' €100 li minkejja diversi ittri legali huwa baqa' ma rrifondix (Dok D u E);*

10. *Illi ser jirrizulta wkoll li waqt l-Imxija tal-Covid-19, huwa anke mar jitkarrab wara l-bieb tal-esponenti biex thallih jizbanka s-somma ta' €1,500 mill-kont bankarju tal-bint KG bil-weghda li sal-ahhar ta' Mejju 2020 huwa kien ser ihallas l-istess lura, ghax fi kliemu kellu bzonn il-flus biex isewwi l-karozza ghax ma kellux biex jigi ghat-tifla, u ma kellux dhul regolari. L-esponenti ghal darb'ohra emmnet li l-konvenut ma kienx ser jidhak b'bintu stess, u ffirmatlu ghall-imsemmi zbank, izda sal-lum, minkejja hafna interpellanzi huwa baqa moruz anke f'dan il-pagament (Dok F u G);*

11. *Illi minkejja li l-esponenti pruvat hafna drabi tasal fi ftehim, inkluz tramite varji medjazzjonijiet, il-konvenut qatt ma kien dispost li jitransigi, u jinghad li kien hemm seduta li nzammet mal-medjatrici, fejn huwa infexx joffendi lill-attrici u lill-avukata sottoskrittra u ohra, fejn huwa waddab il-flixkun tas-sanitizer fid-direzzjoni tal-attrici u l-avukat sottoskritta, u konsegwentement kellha ssir din il-kawza;*

12. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat b'digriet tal-hmistax ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (15/09/2022);*

***Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:***

1. *Fl-ahjar interess tal-bint KG m'ghandhiex thassar u tannulla l-ewwel klawsola tal-kuntratt in atti tan-Nutar Maria Roberta Galea Mamo tal-erbgha ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (04/12/2018) u konsegwentement tafda l-kura u l-kustodja u t-tutela tal-minuri KG esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi l-minuri tkompli tghix mal-Omm u b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;*

2. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-Minuri KG, sakemm hija taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full time u/jew sakemm tkun f'qaghda li tista' tmantni lilha innifisha adegwatament u konsegwentement tordna lill-intimat ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi*

*tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha, t'edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-istess minuri;*

3. *Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

4. *Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u parentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi jhallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' €1,600 rapprezentanti flejjes li huwa zbanka mill-kont tal-minuri KG ;*

5. *Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u parentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi jhallas u jissalda l-kontijiet li ghandu pendenti fir-rigward tal-bint minuri, senjatament kontijiet ta' sahha, edukazzjoni, hwejjeg u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;*

6. *Taghti kull provvediment iehor fl-ahjar interess tal-minuri KG .*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat hu kontumaci;

Rat id-digriet taghha datat 30 ta' Marzu 2023 (Rik. Gur 221/2022/2) li permezz tieghu l-Qorti cahdet it-talba tal-intimat ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja;

Rat id-digriet taghha tal-15/6/2023 li permezz tieghu il-Qorti cahdet awtorizzazzjoni ghall-appell mill-provediment taghha;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fakolta moghtija minn din il-Qorti tal-intimat sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal- Art 158 (10) Kap 12;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda tal-attrici (vide affidavit taghha a fol 57 et seqq.), l-attrici sostniet illi kellha relazzjoni intima mal-intimat li minnha twieldet il-minuri KG .

Din ir-relazzjoni sfaccat wara sitt snin li l-kontedenti, insegwitu ta' medjazzjoni, kienu ffirmaw kuntratt li permezz tieghu rregolaw l-aspetti kollha dwar it-tifla minuri -vide kuntratt esebit a fol 165 et seqq.

In segwitu ta dan, u meta l-attrici kellha relazzjoni ma haddiehor, l-intimat beda jaqla' hafna kwistjonijiet tant li nfethu diversi medjazzjonijiet, u proceduri kriminali ohra.

Jirrizulta mill-provi in atti illi t-tifla KG tbaghti mill-awtizmu u ghalhekk tehtieg rutina fissa, haga li l-intimat ma jaccettax u jaghzel li jharbat. **In fatti l-intimat kien jaghmel xhur ma jzurx it-tifla u imbghad jippretendi li meta jiddeciedi li jara t-tifla, din it-tifla minkejja l-kundizzjoni taghha, ser tarah minghajr biki u xenati. Meta kien jigri hekk l-intimat minflok iqis ghemilu u jara kif jitghallem mill-izbalji tieghu, kien imur l-Ghassa tal-Puluzija u jaghmel rapport kontra l-attrici.**

Illi di piu, meta l-attrici kienet tipprepara lit-tifla ghall-access u l-intimat jaghzel li ma jitfaccawx, it-tifla kienet taghmel xenati shah. Din kienet issarraf f'kedda kbira ghat-tifla.

L-attrici sostniet illi l-intimat ghamel xhur shah ma jezercita l-access u meta jfettillu jezercita dan l-access, jezercita l-access biss fil-*weekend* b*'sleepover* u mhux fost il-gimgha kif stipulat fil-kuntratt.

Illi apparti dana kollu, l-intimat kien ilu xhur shah ma jmantni lil bintu u kien biss wara

proceduri kriminali fil-Qorti tal-Magistrati illi beda jithallas il-manteniment, anke jekk ma jhallas sehemu mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri.

Infatti in segwitu ta' dan l-ghemil repetut, l-attrici kellha tirrikorri quddiem il-Qorti sabiex dawn l-ispejjes jigu nkorporati f'manteniment awmentat.

Illi di piu', wara li l-intimat talab lill-attrici ssellfu €1500 mill-akkont bankarju tat-tifla u l-attrici accettat dan l-ammont misluf lilu qatt ma gie refus.

Fix-xhieda viva voce taghha a fol 74 et seqq, l-attrici spjegat fid-dettal r-relazzjoni ta' KG tifla li tbghati bl-awtizmu meta missierha ma jmurx ghaliha ghall-access jew meta jbiddel ir-rutina.
Di piu' xehdet fuq incident fejn KG wegghat bir-rota waqt li kienet access mal-missier u dan ma haditiex ghand it-tabib jew xi PolyClinic (vide certifikat mediku Dok X1,u immagini tal-gerha tat-tifla X2 a fol 72,73).
Inoltre, l-attrici ssostni illi l-intimat ma jafx jadatta ghemilu ghall- kundizzjoni tal-awtizmu tat-tifla u sikwiet jinfexx jghajjat maghha.

Di piu' hafna drabi jekk jezercita l-access fost il-gimgha, l-intimat sempliciment jipparkja il-karozza fit-triq u jkellem lil KG ghal nofs siegha minflokk s-saghtejn access kull nhar ta' Tnejn u Hamis kif stipulat fil-kuntratt.

Problema ohra riskontrata mill-attrici hi li l-intimat ma jafx jaqra jew jikteb u allura ma jistghax jghin lil KG fil-*homework*. L-attrici kkonfermat li hija tahdem bhala *Kitchen Manager* mal-Welbees u li l-genituri taghha jghenuha hafna fil-kura ta' KG kif jghenha ukoll il-*partner* taghha.

Xehdet illi l-intimat lanqas jaf xi thobb KG u dana anki fl-affarijiet mill-aktar bazilari bhal ikel.

Sharon Mamo mill-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi, ezebiet 20 ir-rapporti tal-pulizija kontra l-intimat SM1 sa SM 20 (vide fol 90 et seqq u 86A) u fedina penali tal-intimat (vide Dok AA1 fol 89).
Petula Xerri, rapprezentanta ta' Mapfre MSV Life P.L.C (vide fol 86b sa 86d) pprezentat dok

PX1 polza li ghandha *surrender value* ta' 1500 -1600 – vide dok PX1 a fol 87.

Neville Decelis *charge nurse*[1] fil-SIPS St Lukes Hospital ezebixxa il-file ta' KG – (vide Dok ND1 a fol 145 et seqq.)

Josephine Baldacchino[2] , ghalliema fl-iskola primarja San Bastjan Qormi tal-minuri ezebiet Dok JB1 – l-attendenza tal-minuri tas-sena skolastika.

Pauline Desira a fol 180 – LSE ta' KG fl-iskola San Bastjan Qormi tat il-progress li ghamlet t-tifla – kemm fis- *social skills* taghha u interaction ma tfal ohra li emeljoraw sostanzjalment waqt li akkademikament Desira xehdet li KG tehtieg l-ghajnuna fil-klassi u xehdet li tikkomunika mal-omm tramite il-programmi eletronici *Teams* u *Communication Book* waqt li rat lill-intimat darba biss fi Prize Day.

Louis Buhagiar, (fol 182) rapprezentant Jobs Plus esebixxa employment history tal-attrici Dok LB1 u LB2 u dak tal-intimat LB3 u LB4.

PC598 (fol 185) pprezentat fedina penali tal-intimat u kkonfermat li rapporti mid-Domestic Violence Unit ma kienx hemm.

Saviour Theuma, rapprezentant Dipartiment ghas-Sigura Socjali a fol 187, esebixxa Dok ST1 li huma l-beneficcji socjali illi gew akkordati l-partijiet fl-ahhar hames snin.

Stephen Cachia, fol 191 esebixxa Dok SC1 fir-rigward ta' vettura intestata f'isem l-intimat u Dok SC3 vettura registrata f'isem l-attrici.

Dr Alexia Aquilinia fol 194 pprezentat Fedina Penali tal-intimat.

Lorraine Attard a fol 197 rapprezentata HSBC Bank Malta plc xehdet li ma kien hemm ebda kont bankarju f'isem l-attrici waqt li ezebiet Dokumenti LA 2 sa LA 6 -kontijiet bankarji u *loan accounts* intestati fuq l-intimat. (vide bank statements minn fol 214 sa 331 kontenuti f'box 1)

Joanna Bartolo rapprezentanta BOV plc esebiet JB1 sa JB8 – kontijiet bankarju separati tal-

---

[1] Vide xhieda fol 176 et seq.

[2] Vide xhieda a fol 178

intimat apparti joint account tal-kontendenti kif ukoll insurance cover. (vide bank statements minn fol 9 sa 213 kontenuti f'box 1)

Charmaine Psaila Ragi – rapprezentanta APS Bank kkonfermat li l-attrici, m'ghandha l-ebda kont bankarju mal-bank taghha waqt li esebiet Dok APS 1, kont kurrenti tal-intimat. (vide bank statements minn fol 3 sa 8 kontenuti f'box 1)

Cheryl Mamo, a fol 207 Orderly fl-Ghassa tal-Puluzija ta' Hal Qormi, ikkonfermat ir-rapporti tal-Puluzija SM 1 sa SM20 registrati mill-partijiet u ma setghatx tikkonferma fuq liema minn dawn ir-rapporti ittiehdu passi l-ghaliex dan seta' jghidu biss l-ispettur.

Dr Ingrid Zammit Young esebiet il-file mediku ta' KG a fol 221 et seqq.

Stephenie Calafato Testa (a fol 297) rapprezentant tar-Registratur, Qrati u Tribiunali Kriminali esebiet zewg sentenzi SCT1 u 2 vide fol 226 et seqq.

PS 2242 Rodianne Ghirxi[3] – statzjonata fl-Ghassa ta' Hal Qormi ezebiet wiehed u ghoxrin (21) ir-rapport tal-Pulizija Dok RG1 – RG 21 (vide fol 229 et seqq) u spjegat liema rapport kien jikkoncernaw vjolenza domestika u liema kienu jikkoncernaw kwistjonijiet ta nuqqas ta' hlas ta' manteniment u access.

Fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April 2024, l-avukat difensur tal-intimat rrinunzja ghall-patrocinju (vide fol 290).

Jason Anthony Copperstone [4] Principal Psychologist MaterDei Hospital – fi hdan il-Psychology Services CDAU esebixxa r-rapport ta' KG mill-Child Development Assessment Unit (CDAU) vide Dok JS1 a fol 291 et seqq.

Cheryl Saliba, Segretarja tal-Concrete Supplies and Building Contractors esebiet il-kuntratt ta' impjieg tal-intimat fol AG1 sa fol 312 et seqq. xehdet illi l-haddiema taghhom jithallsu kull gimghatejn izda l-intimat kien jithallas darba kull xahar permezz ta' Bank Transfer. Xehdet illi dan l-ahhar , kienet tnaqqsitlu l-paga u nghata *warning*.

[3] Vide xhieda a fol 258 et seq
[4] Vide xhieda a fol 295 et seqq

Joseph Grima, Direttur tas- Socjeta Concrete Supplies and Building Contractors xehed li l-intimat jafu ghax kienu girien izda beda jahdem mas-socjeta xi (7) sebgha xhur ilu bhala xufier. Beda tajjeb izda mar lura f'xogholu – tant li tnaqsitlu il-paga. Xehed li kien tah warning verbali kemm il darba. Ikkonferma li ffirma l-annexies tal-kuntratt izda ma ndunax li ma ffirmax il-kuntratt tal-impjieg tal-intimat. Grima ikkonferma dan il-kuntratt tal-impjieg fil-kors tax-xhiedu tieghu u asserixxa li kuntratt tal-impjieg tal-intimat wiehed kien hemm. Ikkonferma li l-paga tal-intimat tnaqqsitlu minn (€400) erbgha mitt ewro kull gimghatejn ghal (€360) tlett mija u sittin kull gimghatejn.

Antonio Grima, Direttur fis-Socjeta Concrete Supplies and Building Contractors ikkonferma li l-intimat jahdem mal-kumpanija u esebixxa Dok AG1 sa AG 3. Xehed li ma jafx ezattament kemm kienet l-paga tal-intimat jekk kienitx €400 jew €360 kull gimghatejn ghaliex is-segretarja tohrog il-pagi.
Ikkonferma li tnaqset l-paga tal-intimat ghaliex ma bediex jattendi sew ghax-xoghol. Xehed illi huwa ghandu doveri ohra fis-Socjeta u kien huh Joseph li jahdem fl-administation.

Illi permezz ta Dok R5 a fol 342, l-intimat ma baqghax impjegat ma Concrete Supplies LTD.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm fejn qieghda titlob illi tigi afdata bil-kura u kustodja esklussiva ta' bintha KG, ghall- manteniment li ghandu jithallas direttament mis-salarju tal-intimat, ghar-refuzjoni ta €1600 elf u sitt mitt ewro; u ghall- hlas ta spejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri u dana in segwitu tal-kuntratt datat 4 ta' Dicembru 2018 iffirmat mill-partijiet li rregola l-kura u kustodja, access u manteniment ta' bint il-kontendenti.

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [5] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

*"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja***

[5] Enfazi tal-Qorti.

***ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[6] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[7]

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[8] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[9]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[10]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu***

---

[6] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[7] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[9] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[10] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.

***l-ahhjar interess tal-minuri".***[11]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.***[12] ***Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

[11] Enfazi tal-Qorti.
[12] Enfazi tal-Qorti.

***Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

> ***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (**Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża **mill-Qorti tal-Appell** fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

***Varjazzjoni ta' kuntratt***

In tema legali ghandu jinghad illi galadarba r-rikorrenti qieghda titlob varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda.* Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 li jiddisponi:-

> ***"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***
>
> ***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-***

***partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi".***

Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Grace Spiteri v. Carmel sive Lino Camilleri et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:

> ***"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili X Spiteri Staines"). App. Civ. 154/10 20***

B'referenza partikolari għall-kuntratti li jitrattaw is-separazzjoni personali, fis-sentenza fl-ismijiet: ***Walter Borg St John vs Christine Borg St John***, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Mejju 2002, inghad illi:

> ***"Il-kuntratti ta' separazzjoni konsenswali pero' huma kuntratti partikolari u normalment jittrattaw tlett tipi ta' obbligazzjonijiet - dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti. Fl-obbligazzjonijiet purament personali bhal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma hemmx dubbju illi, anke fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tista' fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu. Ghall-kuntrarju, per ezempju, fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni reciproka tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti hija totalment marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deciz minnhom ma jistax jigi varjat ikunu x'ikunu c-cirkostanzi li jinqalghu. Il-pagament ta' l-alimenti u mill-1993 id-decizjoni dwar id-dar konjugali jappartjenu minn dawk l-obbligazzjonijiet li ghandhom natura mista peress illi hemm l-elementi tal-personali u tal-parafernali".***

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Caruana vs Claudette Camilleri,** deciza minn din il-Qorti diversament presseduta fis-27 ta' Mejju 2021 (Ref 23/2015AL) dan il-prinicipju gie zviluppat u dik il-Qorti ipprovidiet:

> **"dawk il-kwistjonijiet naxxenti miz-zwieġ izda li jolqtu ulied il-mizzewġin, u ċjoe' l-kura, kustodja, l-aċċess u l-manteniment, appena dawn jiġu deċizi mill-mizzewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom, dawn ma jistgħux jitqiesu bħala kwistjonijiet definittivi, għaliex jista' jkun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi li ma jkunx qiegħed jagħmel ġid lill-interessi tal-ulied, u b'hekk ikun meħtieġ li l-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni jerġgħu jiġu riveduti abbazi tal-bdil taċ-ċirkostanzi in**

> **kwistjoni. Il-Qorti ma tarax xieraq u f'loku illi sabiex tiġi applikata rigorozament il-prinċipju tal-pacta sunt servanda, għandha taljena lilha nnifisha mill-interessi supremi tal-ulied. Dan zgur ma huwiex l-obbligu ta' din il-Qorti, u lanqas ma huwa fl-interess tagħha li tara li l-ulied ikunu l-vittmi tal-ġenituri tagħhom stess. Fl-aħħar mill-aħħar huwa proprju għalhekk li ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-leġizlatur pprovda lil Qorti tal-Familja bid-diskrezzjoni assoluta li tiddeċiedi skont kif jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi meta si tratta l-ulied, għaliex minħabba ir-reziljenza ta' bejn ġenituri li ma baqgħux flimkien bħala koppja, mizzewġa o meno, jista' jagħti l-kaz li l-interessi tal-minuri jiġu skartati minħabba l-ego".**

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti stabbiliet li fejn si tratta ta involvement ta minuri, l-Artiklu 149 tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa applikabbli u l-ligi taghti diskrezzjoni u awtorita' lill-Qorti biex taghti kwalunkwe ordni jew provvediment fl-ahajr interess tal-minuri. Dik il-Qorti ipprovdiet:

> ***"Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara A sive BC vs D sive EC deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll A Micallef vs Lesya Micallef deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)"***

## Ikkonsidrat:

Fil-kaz in ezami, u mix-xhieda estensiva prodotta mill-attrici, jidher b'mod lampanti illi l-intimat, missier tat- tifla KG li hija aflitta mill-awtizmu, huwa persuna irrisponsabbli, erratiku, egoist u petulante li wera ruhu bhala genitur addirettura mhux idoneu biex jigi afdat bil-kura u kustodja kongunta tal-minuri KG. Dan qieghed jinghad mhux biss ghaliex b'mod ripetut, naqas li jghaddi manteniment ta' elfejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar ( li huwa manteniment ftit aktar oghli mill-manteniment minimu meqjus ghall- ghixien decenti ta minuri); mhux biss -il ghaliex l-access tal-minuri kienet ghalih materja nsignifikanti li jezercita meta u kif jfettillu – b'perjodi ta' xhur shah minghajr visita unika jew almenu telefonata; - izda ghaliex minkejja dana l-agir a kwantu rrisponsabbli l-intimat jazzarda

jaqla kwistjonijiet b'hafna ghajjat u tghajjir quddiem it-tifla, meta, wara xhur minghajr kuntatt mat-tifla, jippretendi li din it-tifla li tbaghti mill-awtizmu ser ittir bil-ferh ghaliex missierha fl-ahhar ftakar fiha u jaghmel xenati u ghajjat mat-tifla ghaliex din wara tant zmien nieqsa minnu, tiskonvolgi ruha u tibda tibki. – Eppure l-intimat imur jaghmel rapport lill-Puluzija li r-rikorrenti mhux qed tonora l-ftehiem tal-access.

L-attrici resqet provi inkontrovertibbli dwar il-kundizzjoni tal-awtizmu li minha tbaghti KG bir-rapport ta' Neville Decelis fil-SIPS - Dok ND1, a fol 145 et seqq. u x-xhieda ta' Jason Anthony Copperstone, Principal Psychologist fi hdan CDAU li esebixxa Dok PS1 Child Development Assessment Unit rigward l-istess minuri. Di piu Dr Ingrid Zammit Young esebiet il-file mediku shih tal-istess minuri. Dawn kollha juru stampa cara tal-kundizzjoni tal-minuri, waqt li l-LSE taghha, Pauline Desira, tat il-progress tat-tifla tal-iskola San Bastjan Qormi . Il-Qorti rat illi bil-kura attentissima tal-attrici, din it-tifla, li lanqas kienet tlissen kelma, giet operata u permezz ta' Grommet surgery, s-smiegh tat-tifla mar il-quddiem u t-tifla bdiet titghallem titkellem u sahansitra qieghda taghmel progress fl-iskola. Minhabba l-kundizzjoni tal-awtizmu, KG tirrikjedi rutina preciza u meta tali rutina tinbidel, jehtieg hafna pre-avviz u hafna spjegazzjonijiet. Apparti dana kollu t-tifla jehtiegilha kura kontinwa mat-tobba, psikologi, speech therapists u professjonisti ohra biex jghinu fl-izvilup taghha.

Ghalhekk il-kapricci, tantrums, ghajjat, tghajjir tal-intimat huwa ta' hsara kbira ghall-minuri u ta detriment ghall-progress li t-tifla tkun ghamlet bil-kura tal-attrici u l-familja taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi huwa ta hsara ghal minuri li l-kura u kustodja taghha tibqa' wahda kongunta bejn il-kontendenti u tqis illi fl-ahjar interess tal-minuri KG, l-attrici ghandha tigi akkordata kura u kustodja esklussiva taghha, u tkun awtorizzata tiehu kull decizjoni dwar il-minuri KG kemm dawk ordinarji kif ukoll dawk straordinarji dwar is-sahha, edukazzjoni, safar, hrug u tigdied ta' passaport u identity card wahidha u minghajr il-htiega, jew kunsens, firma jew presenza tal-intimat.

Fir-rigward tal-manteniment, il-Qorti rat illi skont il-kuntratt (vide Fol 165) il-manteniment kontrattat bejn il-partijiet ghal KG kien ta' (€250) mitejn u hamsin Ewro fix-xahar – (klawzola 5) u nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari – (klawsola 6). L-attrici ppruvat illi l-intimat b'mod ripetut naqas li jhallas l-manteniment dovut kif ukoll sehmu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, tant illi permezz ta digriet mghoti minn

l-Onor Imhallef A Lofaro datat 9 ta' Novembru 2020[13], l-manteniment kuntrattwali gie awmentat ghal (€350) tlett mija u hamsin Ewro li inkluda sehem l-intimat mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri.

Il-Qorti rat u ezaminat l-atti tal-kawza inkluz il-Bank Accounts tal-intimat u x-xhieda tad-Direttur tas-Socjeta li maghha hadem l-intimat u tqis illi l-paga indikata ma tantx tikkombaci mad-dhul tal-intimat kif jirrizulta fl-anness bank accounts tieghu. Di piu' din il-kawza si tratta ta tifla b'kondizjoni medika li tehtieg hafna ghajnuna.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri KG s-somma ta' 400 Ewro fix-xahar u jithallsu fl-ewwel gurnata tax-xahar u jinqatghu direttament mill-paga jew introjtu tal-intimat jew beneficcji socjali tieghu. Dan il-manteniment ghandu joghlha kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

Di piu', l-Qorti tordna illi l-intimat jhallas fi zmien xahar is-somma ta' (€1600) elf u sitt mitt Ewro rapprezentanti flejjes sbankati lilu mill-kont bankarju ta' KG .

Fir-rigward tal-5 talba u siccome ma giex precizat kemm mill-arretrati gew imhallsa in segwitu ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrat, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba.

Il-Qorti di piu' tqis li ma jidhirx li hemm eccezzjonijiet li ghandha tqanqal hija stess ex officio in vista tal-kontumacja tal-intimat.

**Ghal dawn in-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi :**

1. **Tilqa l-ewwel talba attrci u fl-ahjar interess tal-bint KG thassar u tannulla l-ewwel klawsola tal-kuntratt in atti tan-Nutar Maria Roberta Galea Mamo tal-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (04/12/2018) u konsegwentement tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri KG f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi l-minuri tkompli tghix mal-Omm u b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta'**

[13] Vide digriet moghti fid-9 ta' Novembru 2020 fl-atti tal-Medjazzjoni 1132/20 annessi mal-atti.

**edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` u tigdid ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr il-htiega tal-kunsens, firma jew prezenza tal-intimat;**

2. **Tilqa t-tieni talba u tillikwida u tiffissa manteniment ghall-Minuri KG, fis-somma ta 400 euro fix-xahar u dana sakemm hija taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi *full time*, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi *full-time* u konsegwentement tordna lill-intimat ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; dan il-manteniment mensili jghola kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja, liema manteniment jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjez ta' sahha, t'edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-istess minuri;**

3. **Tilqa t-tielet talba u tordna li l- manteniment fuq indikat ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;**

4. **Tilqa r-raba talba u tordna lill-intimat sabiex fi zmien xahar minn din is-sentenza jhallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) rapprezentanti flejjes li huwa zbanka mill-kont bankarju tal-minuri KG ;**

5. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li ma giex ipprecizat kemm mill-arretrati gew imhallsa mill-intimat insegwitu tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati;**

**Bl-ispejjes kontra l-intimat.**

**Moqrija.**

**Imhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**